

Brussell, 22 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8959/18

DEVGEN 67
ACP 38
RELEX 407
FIN 387
OCDE 4
ONU 39
CLIMA 82
WTO 132

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Mejju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8551/18	
Suġġett:	"L-Investiment fl-Iżvilupp Sostenibbli" u r-Rapport Annwali tal-2018 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Mejju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “L-Investiment fl-Iżvilupp Sostenibbli” u r-Rapport Annwali 2018 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta’ Għajnuna għall-Iżvilupp, kif adottati mill-Kunsill fit-3618-il laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta’ Mejju 2018.

**"L-Investiment fl-Iżvilupp Sostenibbli" u r-Rapport Annwali tal-2018 għall-Kunsill Ewropew
dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (AAAA), li hija komponent integrali tal-Aġenda 2030 u li tipprovdi qafas globali għall-finanzjament għall-iżvilupp. Hija tistabbilixxi paradigma ġdida biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli permezz tal-użu effettiv tal-flussi finanzjarji kollha kif ukoll tal-mezzi mhux finanzjarji ta' implimentazzjoni, b'enfasi fuq l-azzjoni domestika u politiki tajbin.
2. Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp adottat f'Ġunju 2017, li jibni fuq l-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Addis, il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Qafas Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, jikkonferma l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri dwar il-finanzjament għall-iżvilupp.
3. Il-Kunsill jilqa' d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "L-Investiment fl-Iżvilupp Sostenibbli – L-UE fuq quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa"¹.
4. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi li għamlu l-UE u l-Istati Membri fl-2015-2017 biex isir progress fl-AAAA u r-riżultati tajbin li kisbu s'issa fil-biċċa l-kbira tal-oqsma ta' azzjoni.
5. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sorsi kollha ta' finanzjament tal-AAAA (pubbliċi/privati, domestiċi/internazzjonali) u jtenni l-importanza ta' approċċ komprensiv u integrat għall-appoġġ ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jimmobilizzaw finanzjament addizzjonali u mezzi oħra ta' implimentazzjoni. Il-Kunsill jinnota li l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkonfermaw l-impenji tagħhom lejn il-finanzjament tal-iżvilupp.

¹ 8262/18 - SWD(2018) 148 final

6. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-għanijiet integrati u interkonnessi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli jirrikjedu qafas ta' politika ta' abilitazzjoni f'livelli differenti u approċċi proattivi sabiex ikun hemm sinerġiji ta' politiki differenti. Il-Kunsill itenni li l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) hija element kruċjali biex jintlaħqu l-SDGs u kontribut importanti għall-oġettiv usa' tal-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD).
7. Il-Kunsill jistenna b'interess li jkompli jaħdem man-Nazzjonijiet Uniti, ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u ma' banek għall-iżvilupp multilaterali u bilaterali għall-implimentazzjoni tal-AAAA u għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-impatt tagħha u l-valutazzjoni tar-riżultati u b'hekk jissaħħu r-responsabbiltà, it-trasparenza u l-valur miżjud. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tal-eżitu tal-Forum tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp li sar f'New York fit-23-26 ta' April 2018.

Riżorsi Pubbliċi Domestiċi

8. Il-Kunsill ifakkar li l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament pubbliku domestiku u l-użu effettiv tiegħu huma komponent importanti tal-kuntratt soċjali bejn il-gvern u ċ-ċittadini u huma essenzjali għat-tkabbir inklużiv, il-qerda tal-faqar, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-iżvilupp sostenibbli. Il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi pubbliċi domestiċi tista' tittejjeb permezz ta' politiki fiskali u għbir tat-taxxa aħjar. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jindirizzaw l-evażjoni tat-taxxa u l-flussi finanzjarji illeċiti u ser ikomplu jappoġġaw ir-riforma tal-politika tat-tassazzjoni, l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' taxxa sabiex jgħinu biex jiżdiedu l-effiċjenza, l-effettività u l-ġustizzja fis-sistemi tat-taxxa fil-pajjiżi sħab. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jippromwovu sistemi ta' ġestjoni tan-nefqa pubblika li huma sodi u trasparenti. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jkun promossi mobilizzazzjoni u użu effikaċi u effiċjenti tar-riżorsi, inkluż permezz ta' inizjattivi bħall-approċċ "Igħor Iktar, Onfoq Aħjar".

9. Il-Kunsill jinnota li l-appoġġ baġitarju tal-UE jikkontribwixxi għall-governanza demokratika, il-ġestjoni finanzjarja pubblika u l-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku fil-pajjiżi sħab. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati lejn l-appoġġ ta' mobilizzazzjoni akbar tad-dħul domestiku u li jeħtieġ li jkun hemm sforzi sostnuti. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-Inizjattiva Fiskali ta' Addis Ababa inkluż l-impenn tal-membri tiegħu li sal-2020 jirdoppja l-appoġġ għall-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku.
10. Il-Kunsill jappella għal appoġġ kontinwu għall-inizjattivi li jippromwovu l-governanza finanzjarja tajba, li jtejbu t-trasparenza ta' transazzjonijiet finanzjarji internazzjonali u li jiġġieldu l-korruzzjoni, ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx f'materji tat-taxxa, il-flussi finanzjarji illeċiti, l-evalwazzjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u prattiki dannużi oħrajn. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jhegħu l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kollha fil-kooperazzjoni internazzjonali dwar it-taxxa, jikkondividu l-informazzjoni bejn il-fruntieri u jappoġġaw oqfsa ta' kooperazzjoni fl-amministrazzjoni tat-taxxi reġjonali.

Negozju u Finanzjament Privat Domestiku u Internazzjonali

11. L-UE u l-Istati Membri għandhom ikomplu jippromwovu ambjent li jwassal għal żieda fil-flussi ta' investimenti privati domestiċi u internazzjonali fl-iżvilupp sostenibbli.
12. Il-Kunsill ifakkar li s-settur privat huwa parti kkonċernat dejjem aktar importanti fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, u jaqdi rwol ċentrali bħala ħallieq ta' impjiegi deċenti, partikolarment għan-nisa u ż-żgħażaġh, u tkabbir inklużiv u sostenibbli. Il-Kunsill jappella għal aktar trasparenza tal-operazzjonijiet tas-settur privat li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u appoġġ kontinwu għat-titjib tal-klima ta' investiment, tal-ambjent li jiffaċilita n-negozju u tal-iżvilupp inklużiv u sostenibbli tas-settur privat, b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju (MSMEs). Il-Pjan ta' Investiment Ewropew għandu jsaħħaħ dawn l-isforzi u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament tal-MSMEs, b'fokus partikolari fuq l-intraprenditorija taż-żgħażaġh u tan-nisa.

13. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment, il-prinċipji tal-linji gwida, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-impenji lejn kondotta kummerċjali responsabbli, l-impatt ambjentali tal-investiment u l-iżvilupp sostenibbli, it-trasparenza, il-kontabbiltà u r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji (CSR) għandhom ikunu elementi ċentrali tal-investimenti tas-settur privat u jeħtieġ li jitfasslu f'mudelli kummerċjali rispettivi.
14. Il-Kunsill ifakkar li r-rimessi huma sors privat ewlieni ta' finanzjament għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli f'bosta pajjiżi sħab u għandu jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu ma' sħab fis-settur privat u oħrajn biex inaqqsu l-ispiża tar-rimessi tal-migranti għal inqas minn 3 % tal-ammont trasferit. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi biex itejbu l-użu produttiv tar-rimessi.

Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp

15. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija prijorità ewlenija tar-relazzjonijiet esterni tal-UE; għandha bħala l-oġettiv primarju tagħha t-tnaqqis u, fuq medda twila ta' żmien, il-qerda tal-faqar, kif rifless fit-Trattati.
16. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-informazzjoni preliminari dwar l-Għajnuna Uffiċjali tal-UE għall-Iżvilupp² (ODA) tal-2017, li tanalizza t-tendenzi fir-rigward tal-impenji kollettivi u individwali tal-UE għall-ODA³. Il-Kunsill jenfasizza li l-ODA hija element importanti u katalitiku fil-finanzjament ġenerali disponibbli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u komponent ewlieni tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Minkejja li l-ODA hija kwantità żgħira għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw kollha kemm huma, hija tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għall-aktar pajjiżi fqar u l-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs) u pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra.

² https://ec.europa.eu/europeaid/news-and-events/eu-remains-worlds-leading-donor-development-assistance-eu757-billion-2017_en

³ Konklużjonijiet tal-Presidenza, Kunsill Ewropew tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2005 (10255/1/05), konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 u l-11 ta' Novembru 2008 (15480/08) u konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 (9241/15). Ara l-Anness għall-impenji.

17. Fis-17 ta' Ġunju 2010 il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill jagħmel rapport annwali dwar l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri u l-ġhoti tagħhom tal-ODA. Dan huwa t-tmien darba li rapport dwar din it-talba ġie ppreżentat lill-Kunsill Ewropew.
18. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jixtieq jirrapporta l-elementi li ġejjin lill-Kunsill Ewropew:
 - a. L-UE u l-Istati Membri tagħha żammew il-pożizzjoni tagħhom bħala l-akbar donatur globali tal-ODA (ara l-Figura 1), li tirrappreżenta 57 % tat-total tal-ODA għal pajjiżi li qed jiżviluppaw minn Membri tal-Kumitat ta' Għajjnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD.
 - b. Fl-2017, l-ODA kollettiva tal-UE laħqet EUR 75.7 biljun, li tirrappreżenta 0.50% tad-dħul nazzjonali gross tal-UE (DNG) ⁴. L-ODA kollettiva tal-UE naqqset b'2.4 % f'termini nominali minn EUR 77.5 biljun, l-ogħla livell li qatt laħqet s'issa, milħuqa fl-2016, li rrappreżentat 0.53 % tad-DNG tal-UE. Erba' Stati Membri tal-UE laħqu jew qabżu l-limitu massimu tal-ODA/DNG ta' 0.7 % (ara l-Figura 2 u t-Tabella 1). F'ħames Stati Membri tal-UE l-proporzjon ODA/DNG żdied u f'disa' baqa' stabbli. B'kuntrast mal-proporzjon ODA/DNG tal-UE, il-medja tal-pajjiżi mhux fl-UE tal-OECD DAC baqgħet ta' 0.21 % tad-DNG fl-2017 (bħal fl-2016)⁵.

c. Tnaqqis ta' 80 % fl-ammonti ta' operazzjonijiet ta' ħelsien mid-dejn mill-Istati Membri meta mqabbla mas-sena eċċezzjonali tal-2016 u ammont oġhla ta' rimborżi ta' self mill-Bank Ewropew ta' Investiment, li naqqsu l-ODA rrapportata mill-BEI b'28 % meta mqabbla mal-2016, ikkontribwew għal-livell aktar baxx ta' ODA kollettiva tal-UE fl-2017. Barra minn hekk, il-livell ta' spejjeż li ntefqu fil-pajjiżi donaturi fuq il-ħtiġijiet tar-refuġjati⁶ rrapportati bħala ODA minn diversi membri tad-DAC naqas ukoll minn EUR 11.2 biljun fl-2016 għal EUR 10.3 biljun. Dan it-tnaqqis jirrifletti li xi pajjiżi tal-UE esperjenzaw għadd iktar baxx ta' wasliet ġodda ta' refuġjati fl-2017 peress li l-ispejjeż biex jiġu ospitati r-refuġjati huma rreġistrati biss bħala ODA matul l-ewwel sena tas-soġġorn tar-refuġjati fil-pajjiż ospitanti.

19. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid it-tmexxija politika u l-impenn tiegħu lejn l-għajjnuna għall-iżvilupp u jfakkar l-impenji individwali u kollettivi tal-ODA tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, imtennija fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, li jiggwida l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE fil-kooperazzjoni tagħhom mal-pajjiżi kollha fil-fażi tal-iżvilupp. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu azzjonijiet realistiċi u verifikabbli biex jintlaħqu dawn l-impenji u ser ikomplu jimmonitorjaw il-progress u jirrapportaw ta' kull sena biex ikun hemm it-trasparenza u l-kontabbiltà pubblika. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar it-tnaqqis fl-2017 fl-ODA wara erba' snin suċċessivi ta' żieda lejn il-mira li b'mod kollettiv jingħata 0.7 % tad-DNG bħala ODA. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li aktar sforzi huma meħtieġa biex tintlaħaq dik il-mira.
20. Il-Kunsill jinnota bi tħassib dejjem jikber li l-UE ma resqitx eqreb lejn l-ilħuq tal-mira kollettiva tagħha li tipprovdli 0.15 % - 0.20 % tad-DNG lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppatti (LDCs) fuq perijodu qasir, billi baqgħet 0.11% tad-DNG fl-2016⁷. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar it-tendenza tal-ODA għal-LDCs f'termini ta' perċentwal tad-DNG matul it-tliet snin li għaddew u dwar it-tnaqqis tal-ODA lill-LDCs bħala proporzjon tal-ODA kollettiva tal-UE. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn kollettiv tal-UE dwar l-ODA u l-LDCs.

⁶ Spejjeż bħal dawn jistgħu biss jiġu rrapportati bħala ODA f'konformità mar-regoli tal-OECD-DAC, u r-rapportar huwa limitat għall-ispejjeż imġarrba matul l-ewwel 12-il xahar tas-soġġorn tar-refuġjat.

⁷ L-2016 hija l-aktar sena reċenti li għaliha hija disponibbli data kompluta. F'dik is-sena sitt Stati Membri tal-UE qabżu l-mira tal-2020 ta' 0.15 % tal-ODA/DNG għal-LDCs, ara t-Tabella 2.

21. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni lid-diversità tas-sitwazzjonijiet u l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi li jiggradwaw minn status ta' dħul baxx għal wieħed ta' dħul medju. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimpenjaw ruħhom fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, fid-djalogu politiku u fi sħubijiet ma' Pajjiżi bi Dħul Medju (MICs) fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, inugwaljanzi fl-introjtu u interessi kondiviżi oħrajn. Fir-rigward ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma fi stat aktar avvanzat, jew pajjiżi fi transizzjoni għal dak l-istatus, li jeħtieġu anqas, jew ma jeħtieġu l-ebda, forma aġevolanti ta' assistenza, il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżviluppaw involviment innovattiv, li jinkludi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u lil hinn minnha.
22. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri u tvarja inizjattivi li jkollhom fil-mira l-finanzjament sostenibbli tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u jgħinu biex jintlaħqu l-impenji tal-ODA, inkluż fir-rigward tal-LDCs.
23. Fil-kuntest tal-politika tal-iżvilupp, il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika, u f'dan ir-rigward jissottolinja l-importanza li tiġi mmirata ODA għall-kontinent, filwaqt li jiġu rispettati b'mod sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajnuna għall-iżvilupp.
24. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-effettività tal-iżvilupp hija fundamentali biex jintlaħqu l-SDGs u għandha tinfed il-forom kollha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. L-UE u l-Istati Membri huma impenjati li japplikaw il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp maqbula fis-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp (GPEDC) u jirrikonoxxu l-progress siewi li sar kif ivvalutat mill-Monitoraġġ tal-GPEDC iżda wkoll il-ħtieġa ta' sforzi kontinwi. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-isforzi u l-kisbiet kollettivi fir-rigward tal-Ipprogrammar Konġunt b'21 dokument tal-Ipprogrammar Konġunt iffinalizzati sal-aħħar tal-2017. Il-Kunsill jappella għal involviment akbar mill-Istati Membri fl-effettività tal-iżvilupp, inkluż fil-kuntest tal-GPEDC; u ħidma ulterjuri għall-Ipprogrammar Konġunt u l-implimentazzjoni konġunta. Il-Kunsill itenni li r-riżorsi kollha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandhom jintużaw b'mod effettiv u effiċjenti, skont il-prinċipji ta' effettività tal-iżvilupp.

25. Il-Kunsill jistenna b'interess li jsir progress fl-iżvilupp ta' miżura statistika ġdida għall-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD) permezz ta' diskussjonijiet miftuħa, inklużivi u trasparenti fit-task force internazzjonali. Filwaqt li jappoġġa r-rwol tal-ODA, il-Kunsill jissottolinja li t-TOSSD ser jgħin biex jitkejlu aħjar u jitjiebu t-trasparenza, l-għarfien u l-viżibbiltà tar-riżorsi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.
26. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri biex jiġġeneraw riżorsi għall-iżvilupp permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi. Il-Kunsill jappella għal sforzi sostnuti f'dan il-qasam, inkluż permezz tal-implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Investiment Estern.
27. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-isforzi kontinwi biex jiżdiedu r-riżorsi għall-indirizzar ta' kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni u l-iżvilupp; pereżempju, permezz tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika li jiswa EUR 3.4 biljun.
28. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn globali li sal-2020 jiġi mmobilizzat b'mod konġunt USD 100 biljun fis-sena għall-finanzjament tal-klima minn sorsi diversi. Il-Kunsill ihegġegħ lil pajjiżi żviluppanti oħrajn biex jirrispettaw l-impenni tagħhom u jinċentivaw il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat lejn din il-mira kollettiva. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' direzzjoni lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li t-tibdil fil-klima u l-ambjent jiġu integrati b'mod sistematiku fis-setturi u l-istrumenti kollha tal-kooperazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.
29. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza sinifikanti tal-ODA biex jintlaħqu l-Miri tal-Bijodiversità Aichi u l-SDGs marbuta mal-bijodiversità u jissottolinja l-kontribuzzjoni qawwija tal-UE u tal-Istati Membri tagħha lejn il-mira ta' finanzjament internazzjonali marbuta mal-Konferenza dwar id-Diversità Bijoloġika. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li dan l-isforz jibqa' jsir tal-inqas sal-2020, f'konformità mal-impenn globali. Il-Kunsill jenfasizza wkoll li l-flussi finanzjarji internazzjonali huma komplementari għal, u jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn, allokazżjoni msaħħa ta' riżorsi domestiċi għall-bijodiversità inkluż permezz ta' mekkaniżmi finanzjarji innovattivi u tar-rapportar, lil hinn ukoll mill-2020.

30. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE li talloka tal-anqas 20 % tal-ODA tagħha għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem. Huwa jissottolinja ulterjorment li l-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u l-protezzjoni tagħhom bħala prijorità trasversali fl-oqsma ta' azzjoni kollha.

Il-Kummerċ Internazzjonali bħala Mutur għall-Iżvilupp

31. Il-Kunsill ifakkar li l-kummerċ huwa wieħed mill-fatturi ewlenin għat-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli, u huwa mezz essenzjali ta' implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. F'dan ir-rigward, l-UE u l-Istati Membri jappoġġaw bis-sħiħ is-sistema kummerċjali multilaterali u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jagħtu spinta lill-kummerċ internazzjonali bħala mutur għall-iżvilupp b'kont meħud tal-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u l-impenn tagħna lejn l-SDGs. L-UE hija l-akbar sieħeb kummerċjali għall-LDCs u għandha tibqa' s-suq l-aktar miftuħ għalihom.
32. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-kontinwazzjoni tat-tisħiħ tal-għajnuna għall-kummerċ f'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti, inkluż l-impenn li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-għajnuna għall-kummerċ lil-LDCs, sabiex jilħqu sa kwart mill-infiq kollettiv tagħhom f'dan il-qasam biex itejbu l-kapaċitajiet ta' esportazzjoni ta' dawn il-pajjiżi u b'hekk jikkontribwixxu biex jirduppraw is-sehem tagħhom fis-swieq dinjija ta' esportazzjoni.

Id-Dejn u s-Sostenibbiltà tad-Dejn

33. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tippromwovi prattiki responsabbli tal-ġhoti u t-teħid ta' self, inkluż meta l-UE tuża taħlit ta' ġhotjiet u self fl-assistenza esterna tagħha, u li tappoġġa l-koordinazzjoni, id-djalogu u t-trasparenza fost il-partijiet ikkonċernati. Waqt li jinnota bi tħassib li l-isfidi emerġenti tad-dejn fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ġew intensifikati, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu appoġġati l-isforzi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jevitaw livelli ta' dejn mhux sostenibbli, permezz ta' djalogu politiku u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-ġestjoni tad-dejn, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku. L-UE u l-Istati Membri jippromwovu wkoll il-partekipazzjoni ta' kredituri emerġenti għal diskussjonijiet dwar id-dejn f'fora differenti, speċjalment il-Klabb ta' Pariġi, bħala l-forum internazzjonali ewlieni għar-ristrutturar ta' dejn bilaterali uffiċjali. Il-Kunsill ifakkar li t-taħlit għandu jkisi b'mod sħiħ is-sostenibbiltà u l-kontabbiltà tad-dejn u jevita disturbi fis-suq u riskji baġitarji.

L-Indirizzar ta' Kwistjonijiet Sistemiċi

34. Il-Kunsill jilqa' r-rwol attiv moqdi mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jippromwovu u jimplimentaw ir-riforma tal-governanza internazzjonali u r-rwol tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-appoġġ għall-partekipazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-governanza internazzjonali. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw b'mod attiv il-proposti tal-SĠNU għar-riforma tan-NU, inkluż ir-riforma tas-Sistema ta' Żvilupp tan-NU.

Ix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Innovazzjoni u t-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet

35. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza kruċjali kemm tal-ICT kif ukoll tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni biex jinkisbu l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għat-titjib tal-ħajja u jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin li ġgħib magħha r-rivoluzzjoni teknoloġika. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu fuq l-integrazzjoni aħjar ta' soluzzjonijiet diġitali u biex jippromwovu l-ICT u x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, inkluż għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-riċerka li huwa ċentrali biex tingħata spinta lill-innovazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Kunsill ifakkar li l-pajjiżi żviluppati u, dejjem aktar, l-ekonomiji emerġenti, għandhom rwol importanti x'jaqdu mil-lat tal-iżvilupp, it-trasferiment u t-tixrid tat-teknoloġija, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, u l-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, inkluż għall-LDCs.

II-Monitoraġġ tad-Data u s-Segwitu

36. Il-Kunsill ifakkar fl-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp ta' qafas tal-indikaturi globali għall-monitoraġġ tal-Aġenda 2030, abbażi kemm jista' jkun fuq l-indikaturi eżistenti biex jiġu żgurati settijiet ta' data robusti u soluzzjonijiet kosteffettivi, filwaqt li jista' jkun hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu żviluppati indikaturi ġodda. Il-Kunsill iqis li l-UE u lill-Istati Membri għandhom itejbu l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jżidu b'mod sinifikanti d-disponibbiltà ta' data ta' kwalità għolja, f'waqtha u affidabbli biex jibqgħu jiġu appoġġati l-isforzi biex jitjiebu l-kopertura u l-kwalità tad-data għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Impenji u Miri Preċedenti tal-UE għall-ODA

(Konklużjonijiet tal-Kunsill, 24 ta' Mejju 2005 (dok. 9266/05, paragrafu 4.))

"Iżjed ODA hija meħtieġa b'mod urġenti sabiex jinkisbu l-MDGs (Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju) ... l-UE taqbel ma' mira kollettiva ġdida tal-UE ta' ODA/DNG ta' 0.56% sal-2010, li għandha tirriżulta f'EUR 20 biljun tal-ODA annwali addizzjonali sa dak iż-żmien.

(i) L-Istati Membri, li għadhom ma laħqux livell ta' ODA/DNG ta' 0.51%, jimpenjaw ruħhom li jilħqu, fi ħdan il-proċessi ta' allokazzzjoni tal-baġit rispettiv tagħhom, dak il-livell sal-2010, filwaqt li dawk li huma diġà 'l fuq minn dak il-livell jimpenjaw ruħhom li jsostnu l-isforzi tagħhom;

(ii) L-Istati Membri li ssieħbu mal-UE wara l-2002, u li ma laħqux livell ta' ODA/DNG ta' 0.17%, għandhom jagħmlu hilitom biex iżidu l-ODA tagħhom biex, fil-proċessi tal-allokazzzjoni tal-baġit rispettiv tagħhom, jilħqu dak il-livell sal-2010, waqt li dawk li diġà jinsabu 'l fuq minn dak il-livell jimpenjaw ruħhom li jsostnu l-isforzi tagħhom.

(iii) L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jilħqu l-mira ta' 0.7 % tal-ODA/GNI sal-2015 waqt li dawk li laħqu din il-mira jimpenjaw ruħhom li jibqgħu 'l fuq minn dik il-mira; L-Istati Membri li ssieħbu mal-UE wara l-2002 ser jistinkaw biex iżidu l-ODA/GNI tagħhom għal 0.33 % sal-2015.'

Impenji u Miri Attwali tal-UE għall-ODA

(Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 (dok. 9241/15 paragrafi 31-33))

‘L-UE u l-Istati Membri tagħha huma donaturi ġenerużi tal-ODA, peress li pprovdew annwalment aktar min-nofs l-ODA f'dawn l-aħħar snin. Minkejja li l-ODA hija kwantità żgħira għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw kollha kemm huma, hija sors ewlieni ta' finanzjament għal-LDCs u l-istati fraġli, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra. L-ODA tista' wkoll tgħin fil-kisba ta' mezzi oħra ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-finanzjament domestiku pubbliku u l-investiment tas-settur privat, iżda wkoll ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.

L-UE, għalhekk tafferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha li tilħaq l-mira ta' 0.7% tal-ODA/DNG fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015. L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE qabel l-2002 jirriafermaw l-impenn tagħhom li jilhq u l-mira ta' 0.7% tal-ODA/DNG, b'kont meħud ta' ċirkostanzi baġitarji, filwaqt li dawk li laħqu dik il-mira jimpennjaw lilhom infushom li jżommu mal-mira jew jaqbżuha; l-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE wara l-2002 jaħdmu bis-sħiħ biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33%.

Il-komunità internazzjonali għandha tgħin ukoll biex timmira r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonn tagħhom, b'mod speċjali l-LDCs u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt. Fil-kuntest tal-impenn totali tal-ODA u filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjnuna għall-iżvilupp l-UE ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-LDCs. L-UE timpenja ruħha li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15% - 0.20% ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20% ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015.'

Figura 1 – ODA kollettiva tal-UE mqabbla mad-donaturi tad-DAC mhux fl-UE





Figura 2 – Diskrepanza bejn il-livelli tal-ODA tal-2017 u l-miri individwali maqbula tat-28 Stat Membru tal-UE u d-direzzjoni tal-bidla mill-2016 sal-2017¹



¹ Il-metodoloġija użata tippermetti biss bidliet akbar minn 0.01 % biex ikunu riflessi bħala tkabbir; tnaqqis ta' inqas minn 0.01% huwa rifless bħala stabbli. Pereżempju, fl-2017, il-Portugall żied l-ODA b'0.01%, u huwa kkunsidrat bħala "stabbli" skont il-metodoloġija użata.

Tabella 1 – ODA tal-UE (nett) 2004-2017

Stat Membru	2004		2005		2006		2007		2008		2009		2010		2011		2012		2013		2014		2015		2016		2017	
	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G
Awstrija	545	0.23	1,266	0.52	1,194	0.47	1,321	0.50	1,188	0.43	820	0.30	912	0.32	799	0.27	860	0.28	882	0.27	930	0.28	1,193	0.35	1,479	0.42	1,091	0.30
Belġju	1,178	0.41	1,580	0.53	1,575	0.50	1,425	0.43	1,654	0.48	1,874	0.55	2,268	0.64	2,019	0.54	1,801	0.47	1,732	0.45	1,845	0.46	1,717	0.42	2,080	0.55	1,955	0.45
Bulgarija	-	-	-	-	1	0.00	17	0.06	13	0.04	12	0.04	31	0.09	35	0.09	31	0.08	37	0.10	37	0.09	37	0.09	61	0.13	55	0.11
Kroazja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-	15	0.03	15	0.03	32	0.07	54	0.12	46	0.09	37	0.07	44	0.09
Ċipru	4	0.03	12	0.09	21	0.15	25	0.17	26	0.17	33	0.20	39	0.23	27	0.16	20	0.12	15	0.10	15	0.10	16	0.09	16	0.09	16	0.09
Repubblika Ċeka	87	0.11	109	0.11	128	0.12	131	0.11	173	0.12	154	0.12	172	0.13	180	0.12	171	0.12	159	0.11	160	0.11	179	0.12	235	0.14	242	0.13
Danimarka	1,640	0.85	1,697	0.81	1,782	0.80	1,872	0.81	1,944	0.82	2,018	0.88	2,168	0.91	2,108	0.85	2,095	0.83	2,205	0.85	2,264	0.86	2,313	0.85	2,142	0.75	2,130	0.72
Estonja	4	0.05	8	0.08	11	0.09	12	0.08	15	0.10	13	0.10	14	0.10	17	0.11	18	0.11	23	0.13	28	0.14	31	0.15	39	0.19	38	0.17
Finlandja	547	0.37	726	0.46	665	0.40	717	0.39	808	0.44	926	0.54	1,006	0.55	1,011	0.53	1,027	0.53	1,081	0.54	1,232	0.59	1,161	0.55	958	0.44	935	0.41
Franza	6,820	0.41	8,067	0.47	8,445	0.47	7,220	0.38	7,562	0.39	9,049	0.47	9,751	0.50	9,348	0.46	9,358	0.45	8,543	0.41	8,005	0.37	8,149	0.37	8,701	0.38	10,080	0.43

Stat Membru	2004		2005		2006		2007		2008		2009		2010		2011		2012		2013		2014		2015		2016		2017	
	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR M iljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR M iljun	% ta' DN G	EUR M iljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR M iljun	% ta' DN G
Ġermanja	6,064	0.28	8,112	0.36	8,313	0.36	8,978	0.37	9,693	0.38	8,674	0.35	9,804	0.39	10,136	0.39	10,067	0.37	10,717	0.38	12,486	0.42	16,173	0.52	22,368	0.70	21,895	0.66
Greċja	258	0.16	309	0.17	338	0.17	366	0.16	488	0.21	436	0.19	383	0.17	305	0.15	255	0.13	180	0.10	186	0.11	215	0.12	333	0.19	281	0.16
Ungerija	56	0.07	81	0.11	119	0.13	76	0.08	74	0.08	84	0.10	86	0.09	100	0.11	92	0.10	97	0.10	109	0.11	140	0.13	180	0.17	132	0.11
Irlanda	489	0.39	578	0.42	814	0.54	871	0.55	921	0.59	722	0.54	676	0.52	657	0.51	629	0.47	637	0.46	615	0.38	648	0.32	726	0.32	717	0.30
Italja	1,981	0.15	4,096	0.29	2,901	0.20	2,901	0.19	3,370	0.22	2,368	0.16	2,262	0.15	3,111	0.20	2,129	0.14	2,566	0.17	3,022	0.19	3,610	0.22	4,601	0.27	5,086	0.29
Latvja	7	0.06	9	0.07	9	0.06	12	0.06	15	0.07	15	0.07	12	0.06	14	0.07	16	0.08	18	0.08	19	0.08	21	0.09	27	0.11	29	0.11
Litwanja	7	0.04	12	0.06	20	0.08	35	0.11	33	0.11	26	0.11	28	0.10	37	0.13	40	0.13	38	0.11	34	0.10	43	0.14	52	0.14	52	0.13
Lussemburgu	190	0.79	206	0.79	232	0.89	274	0.92	288	0.97	298	1.04	304	1.05	294	0.97	310	1.00	323	1.00	319	1.06	327	0.95	354	1.00	377	1.00
Malta	8	0.18	7	0.17	7	0.15	8	0.15	11	0.20	10	0.18	10	0.18	14	0.25	14	0.23	14	0.20	15	0.20	15	0.17	19	0.20	23	0.22
In-Netherlands	3,384	0.73	4,115	0.82	4,343	0.81	4,547	0.81	4,848	0.80	4,615	0.82	4,800	0.81	4,563	0.75	4,297	0.71	4,094	0.67	4,200	0.64	5,162	0.75	4,491	0.65	4,395	0.60
Polonja	95	0.05	165	0.07	239	0.09	265	0.10	258	0.08	269	0.09	285	0.08	300	0.08	328	0.09	355	0.10	341	0.09	397	0.10	600	0.15	598	0.13
Portugall	830	0.63	303	0.21	316	0.21	344	0.22	430	0.27	368	0.23	490	0.29	509	0.31	452	0.28	368	0.23	324	0.19	278	0.16	310	0.17	336	0.18
Rumanija	-	-	-	-	3	0.00	84	0.07	85	0.09	110	0.08	86	0.07	118	0.09	111	0.08	101	0.07	162	0.11	143	0.09	243	0.15	250	0.15
Repubblika Slovakka	23	0.07	46	0.12	44	0.10	49	0.09	64	0.10	54	0.09	56	0.09	62	0.09	62	0.09	65	0.09	63	0.09	77	0.10	96	0.12	100	0.12

Stat Membru	2004		2005		2006		2007		2008		2009		2010		2011		2012		2013		2014		2015		2016		2017	
	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR M iljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR M iljun	% ta' DN G	EUR M iljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DN G	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR Miljun	% ta' DNG	EUR M iljun	% ta' DN G
Slovenja	25	0.10	28	0.11	35	0.12	40	0.12	47	0.13	51	0.15	44	0.13	45	0.13	45	0.13	46	0.13	46	0.12	57	0.15	74	0.19	68	0.16
Spanja	1,962	0.24	2,429	0.27	3,038	0.32	3,755	0.37	4,761	0.45	4,728	0.46	4,492	0.43	3,001	0.29	1,585	0.16	1,789	0.17	1,415	0.13	1,259	0.12	3,868	0.35	2,142	0.19
Żvezja	2,191	0.78	2,705	0.94	3,151	1.02	3,170	0.93	3,281	0.98	3,266	1.12	3,423	0.97	4,030	1.02	4,077	0.97	4,389	1.01	4,698	1.09	6,391	1.41	4,425	0.94	4,889	1.01
Renju Unit	6,362	0.36	8,667	0.47	9,926	0.51	7,194	0.36	7,973	0.43	8,102	0.51	9,855	0.57	9,948	0.56	10,808	0.56	13,498	0.71	14,551	0.70	16,718	0.70	16,325	0.70	15,915	0.70
Total tal-UE15	34,441	0.35	44,856	0.44	47,033	0.43	44,954	0.39	49,207	0.43	48,264	0.45	52,594	0.46	51,840	0.44	49,749	0.42	53,003	0.44	56,091	0.44	65,314	0.49	73,162	0.54	72,223	0.52
Total tal-UE13	316	0.07	476	0.09	637	0.09	753	0.09	815	0.09	831	0.10	863	0.09	965	0.10	964	0.10	1,000	0.10	1,083	0.10	1,203	0.11	1,679	0.14	1,647	0.13
Total tal-UE28	34,756	0.34	45,332	0.42	47,670	0.41	45,706	0.37	50,021	0.40	49,096	0.42	53,457	0.44	52,805	0.42	50,713	0.39	54,004	0.41	57,174	0.41	66,516	0.46	74,841	0.51	73,870	0.49
Istituzzjonijiet tal-UE ODA mhix attribwita lill-Istati Membri tal-UE	1,173	0.01	1,385	0.01	1,636	0.01	1,932	0.02	2,282	0.02	2,695	0.02	3,183	0.03	3,453	0.03	4,544	0.04	2,873	0.02	2,139	0.02	1,372	0.01	2,737	0.02	1,854	0.01
ODA Kollettiva tal-UE	35,929	0.35	46,717	0.43	49,306	0.42	47,638	0.39	52,303	0.42	51,791	0.44	56,640	0.46	56,258	0.45	55,257	0.43	56,877	0.43	59,313	0.43	67,888	0.47	77,579	0.53	75,724	0.50

Tabella 2: ODA tal-Istati Membri tal-UE lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (Nett) 2014-2016

Stat Membru	2014		2015		2016	
	ODA lil-LDCs (EUR Miljuni)	proporzjon ODA/DNG lil-LDCs (% tad-DNG)	ODA lil-LDCs (EUR Miljuni)	proporzjon ODA/DNG lil-LDCs (% tad-DNG)	ODA lil-LDCs (EUR Miljuni)	proporzjon ODA/DNG lil-LDCs (% tad-DNG)
Awstrija	272.7	0.08	200.4	0.06	226.3	0.06
Belġju	625.0	0.16	549.5	0.13	576.5	0.15
Bulgarija	8.3	0.02	7.6	0.02	13.6	0.03
Kroazja	1.9	0.00	6.4	0.01	7.5	0.02
Ċipru	2.9	0.02	3.6	0.02	3.6	0.02
Repubblika Ċeka	38.6	0.03	37.1	0.02	49.9	0.03
Danimarka	678.0	0.26	549.5	0.20	589.7	0.21
Estonja	6.4	0.03	5.3	0.03	6.3	0.03
Finlandja	427.7	0.21	386.9	0.18	292.2	0.13
Franza	1,924.4	0.09	2,142.9	0.10	1,901.9	0.08
Ġermanja	2,889.1	0.10	2,340.0	0.08	3,239.3	0.10
Greċja	37.4	0.02	34.3	0.02	42.7	0.02
Ungerija	21.6	0.02	23.4	0.02	36.2	0.03
Irlanda	299.5	0.18	310.7	0.15	324.5	0.14
Italja	724.4	0.04	784.6	0.05	886.9	0.05

Stat Membru	2014		2015		2016	
	ODA lil-LDCs (EUR Miljuni)	proporzjon ODA/DNG lil-LDCs (% tad-DNG)	ODA lil-LDCs (EUR Miljuni)	proporzjon ODA/DNG lil-LDCs (% tad-DNG)	ODA lil-LDCs (EUR Miljuni)	proporzjon ODA/DNG lil-LDCs (% tad-DNG)
Latvja	4.2	0.02	4.2	0.02	5.4	0.02
Litwanja	7.0	0.02	8.2	0.02	9.3	0.03
Lussemburgu	129.8	0.43	138.8	0.40	148.6	0.42
Malta	1.5	0.02	1.9	0.02	0.9	0.01
In-Netherlands	844.4	0.13	934.4	0.14	1,071.3	0.15
Polonja	98.0	0.02	112.8	0.03	166.2	0.04
Portugall	89.7	0.05	81.1	0.05	90.1	0.05
Rumanija	25.5	0.02	27.8	0.02	35.4	0.02
Repubblika Slovakkja	13.2	0.02	16.7	0.02	17.1	0.02
Slovenja	8.1	0.02	8.6	0.02	12.0	0.03
Spanja	367.0	0.03	279.7	0.03	512.3	0.05
Żvezja	1,226.8	0.29	1,328.1	0.29	1,271.1	0.27
Renju Unit	4,983.2	0.24	5,514.7	0.23	5,087.0	0.22
TOTAL UE 28 TAL-ODA lil-LDCs	15,756.3	0.11	15,838.8	0.11	16,624.1	0.11